MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2013

Talba Numru. 139/2012

**Melita plc**
**C 12715**

**Vs**

**Michelle Culbert**
**I.D. 30004A**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fis-27 ta' Frar, 2012 fejn is-socjeta' attrici qeghda titlob l-ammont ta' hames mija disgha u sittin Ewro u sebgha u hamsin centezmu (€569.57) rapprezentanti somma ta' bilanc dovut ghal servizz ta' "Data and TV" fil-fond Breakpoint Flats FL 03, Triq il-Brankulti, Qawra u dan skond l-istatement tal-kont numru 528197, liema dokument qed jigi mmarkat bhala 'Dok A' rapprezentanti servizz moghti

mill-kumpanija attrici Melita plc, liema servizz ma giex imhallas.

Illi minkejja li l-konvenuta giet diversi drabi interpellata sabiex thallas u tirritorna l-apparat, hija baqghet inadempjanti.

Bl-imghaxijiet skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta, bl-ingunzjoni tal-konvenuta in subizzjoni nkluzzi dawk ta'l-ittra ufficjali.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tad-9 ta' Novembru, 2012 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tad-9 ta' Novembru, 2012 u filfatt il-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija disgha u sittin Ewro u sebgha u hamsin centezmu (€569.57) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenuta nkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------